MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 646/2011/1

**Richard John Bridge**

**v.**

**Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Intern u d-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2011 gie kjamat in kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tal-attur minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 2011 li

filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali u illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju billi mhumiex illegittimi kontraditturi, laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Generali u cahdet it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur li favur tieghu jibqghu impregudikati drittijiet ohra *si et quatenus.*

**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-5 ta' Lulju 2011 li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huwa parti fi proceduri istitwiti mill-intimat Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali ai termini tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta, liema proceduri gew decizi permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet *The Director of Social Welfare Standards Department* vs *Richard John Bridge* (Ref: *197/2010NC,* deciza fis-26 ta' Mejju 2011);

"2. Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat bl-imsemmija decizjoni u fl-10 ta' Gunju 2011, cioe fi zmien hmistax (15)-il jum mid-data tas-sentenza, huwa ipprezenta appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

"3. Illi fir-risposta tal-appell tieghu l-intimat Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali *inter alia* invoka terminu iqsar tal-appell ta' tmient' (8) ijiem tax-xoghol u ghalhekk talab li r-rikors tal-appell jigi dikjarat null;

"4. Illi l-Ministru intimat dahhal fis-sehh l-Avviz Legali 279 tal-2008 u dan, kif emendat bl-Avviz Legali 333 tal-2008 huwa maghruf bhala r-"Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni" u dawn ir-Regoli jipprovdu b'Regola 19(9) li "Rikors ta' appell ghandu jsir fi zmien tmint' ijiem tax-xoghol mid-data tal-ghoti tad-decizjoni u l-intimat jista' jipprezenta risposta bil-miktub fi

zmien tmint ijiem tax-xoghol mid-data tan-notifika jew f'dak iz-zmien li jkun iqsar li l-qorti tista' tistabbilixxi";

“5. Illi r-rikorrenti jqis ir-Regola 19(9) bhala nulla u li ma tiswiex ghax:

“a. It-terminu tal-appell minn sentenzi tal-Qorti Civili huwa stabbilit fl-226(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "L-appell isir b'rikors li jigi prezentat fir-registru tal-Qorti ta' l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza";

“b. Il-Ministru intimat ma nghatax is-setgha li jdahhal fis-sehh ir-Regola 19(9), la bil-Kap. 12, la bil-Kap. 410 u lanqas b'xi ligi ohra;

“c. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-Regola 19(9) tmur kontra d-disposizzjoni espressa tal-artikolu 226(1) tal-Kap.12 li jipprovdi terminu ghall-appell ta' ghoxrin (20) jum minn sentenzi tal-Qrati Civili, kif ukoll tal-artikolu 6(3) tal-Kap. 410 li ma jipprovdi ebda terminu differenti minn dak stabbilit bl-istess artikolu 226(1);

“6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, id-dhul u z-zamma fis-sehh tar-Regola 19(9) tippregudika serjament id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq;

“7. Illi r-rikorrenti interpella lill-Ministru intimat sabiex ihassar l-imsemmija Regola 19(9) izda l-istess intimat baqa' inadempjenti;

“Ghaldaqstant, jghidu l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:

“1. Tiddikjara li r-Regola 19(9) tar-"Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni" invokata mid-Direttur intimat hija *ultra vires* u konsegwentement nulla u ma tiswiex in kwantu l-Ministru intimat esorbita l-poteri legislattivi limitati tieghu meta dahhalha fis-sehh bl-Avvizi Legali *de quo;*

“2. Tiddikjara li r-Regola 19(9) tar-"Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni" hija wkoll nulla u bla effett in kwantu din hija f'konflitt mad-disposizzjoni espressa tal-artikolu 226(1) tal-Kap.12, kif ukoll tal-artikolu 6(3) tal-Kap. 410;

“Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2011 kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Intern u Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali li jghid hekk:

“1. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxu l-improponibiltà tal-azzjoni odjerna kif intavolata mir-rikorrenti in vista tal-fatt li huma m’humiex il-legittimi kontradditturi u dan ghas-segwenti ragunijiet:

“a. Illi ma kienx il-Ministru intimat li dahhal fis-sehh l-Avviz Legali *de quo* izda **kien il-**Bord tar-Regoli li bis-sahha tal-artikolu 29 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta gie moghti lilu l-funzjoni li jaghmel dawn ir-Regoli tal-Qrati;

“b. Illi l-istess ir-regoli dahlu fis-sehh bl-approvazzjoni tal-President ta’ Malta b’Avviz Legali 279 tal-2008, kif emendat bl-Avviz Legali 333 tal-2008;

“Illi ghaldaqstant it-talbiet kif dedotti mill-attur ma jregux fil-konfront tieghu. Tassew lanqas biss hemm lok ghal kontestazzjoni galadarba l-imsemmi Ministru intimat ma kien bl-ebda mod involut fid-dhul fis-sehh tal-imsemmija regolamenti;

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, anke li kieku, *ammesso e non concesso*, kien il-Ministru intimat stess li dahhal fis-sehh dawn ir-regoli, huwa kien ikun qed jimxi komformament ma’ dak sancit fit-tieni *proviso* tas-subinciz 2 tal-istess artikolu 29 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

"3. Illi, hekk kif jiddisponi s-subinciz (2)(f) tal-imsemmi artikolu, ir-Regoli tal-Qrati jistghu "jintghamlu...sabiex jipprovdu dwar atti gudizzjarji u hwejjeg ta' jew li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u procedura li m'humiex imsemmija f'dan il-Kodici [Kap. 12] jew f'ligijiet ohra";

"4. Illi meta ppreskriva t-terminu prefiss fir-regolament 19(9) tal-L.S. 12.09, il-Bord tar-Regoli mexa skond l-imsemmi artikolu 29(2)(f) tal-Kap. 12 u dan *stante* li d-dritt ta' Appell moghti permezz tal-artikolu 6(3) tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta ma jippreskrivi ebda terminu legali li fih il-parti nteressata ghanda tipprezenta r-Rikors tal-Appell;

"5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u diversament minn dak sottomess mir-rikorrenti, l-esponenti Direttur intimat ma invoka l-ebda terminu iqsar tal-appell. Huwa sempliciment eccepixxa li l-appell sar *fuori termine* ghax mhux skond kif stabbilit fil-ligi;

"6. Illi *di più* huwa kjarament desumibbli li lanqas it-tieni talba m'ghandha ebda fondament legali. Bid-dovut rispett, l-ebda ligi ma hi suprema u tipprevali fuq ligi l-ohra hlief dik tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali skond kif sancit fl-arikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

"7. Illi bir-rispett kollu tali vizjoni prospetta mill-attur tissarraf f'sitwazzjoni assurda li kull terminu iehor tal-appell li huwa differenti minn dak prefiss fl-artikolu 226(1) tal-Kap. 12 bhal ma hu dak sancit fir-regolament 4(2) tal-istess L.S. 12.09 li jikkontempla terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni appellata moghtija wara referenza kostituzzjonali huwa wkoll null u bla effett;

"8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm bhala regola generali l-artikolu 226(1) tal-Kap. 12 jipprovdi terminu ta' ghoxrin gurnata, dan ma jfissirx illi ma jistax jigi stabbilit terminu iqsar f'kawzi li min-natura taghhom huma urgenti. Huwa anzi *jus receptum* li l-legislatur ghandu jezercita l-poter

legislattiv moghti lilu bil-ligi principali, f'dan il-kaz l-artikolu 29 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"9. Illi *se mai*, in vista tal-principju sagrosant li *lex specialis derogat lex generalis*, huwa r-regolament 19(9) tar-"Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni" li ghandu jipprevali fuq in-norma generali kontemplata fl-artikolu 226(1) tal-Kap. 12 u mhux bil-kontra;

"10. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, certament ma tista' tiffigura qatt dak li qed jipprospetta r-rikorrenti u cioè li r-Regola 19(9) tippregudikah mid-dritt ghal smigh xieraq. Id-dritt ta' Appell gie moghti lilu permezz tal-artikolu 6(3) tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta. Kien l-stess rikorrenti li bin-nuqqas ta' attenzjoni tieghu cahhad lilu nnifsu minn dan id-dritt u pprezenta r-rikors tardivament;

"11. Illi hu pacifiku fl-ordinament legali taghna li *ignorantia iuris neminem excusat* u konsegwentament l-attur irid ibati l-izball li ghamel u mhux jittanta jippromwovi proceduri irritwali biex jissana dak li hu isanabbli;

"12. Illi tabilhaqq, dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

"13. Illi l-ligi li tirregola l-procedura fil-Qrati u l-kompetenzi bejn il-Qorti hija l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Din il-ligi hija wkoll mill-istess natura taghha ta' ordni pubbliku;

"14. Illi l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja (Kap. 410 tal-ligijiet ta' Malta) huwa *lex specialis* in kwantu jirratifika l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-aspetti civili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u mar-rikonoxximent u l-infurzar ta' decizjonijiet dwar kustodja. Il-*lex specialis* in kwantu dak li jirrigwarda procedura u organizzjazzjoni vigenti fil-Qorti nostrali hija l-legislazzjoni sussidjarja tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-esponenti ghalhekk jissottomettu illi l-

interpretazzjoni li qed jipprova jaghti r-rikorrent hija wahda erroneja u li tmur kontra l-ligi ta’ ordni pubbliku;

“15. Illi tassew din l-azzjoni ma hi xejn hlief abbuz ta’ procedura da parti tal-attur sabiex jittanta jottjeni dak li b’inkurjanza tieghu stess huwa tilef, b’konsegwenza li qieghed itawwal inutilment il-proceduri ghar-ritorn tal-minuri li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Proceduri li l-ligi stess permezz tal-artikolu 11 tal-ewwel skeda tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta’ Malta tinkombi fuq l-awtoritajiet gudizzjarji taghna sabiex dawn jitmexxew bil-heffa, u li jkunu konkluzi fi zmien sitt gimghat mid-data tal-bidu tal-procedimenti;

“16. Illi difatti, il-*mens legis* wara r-regolament 19(9) tal-L.S. 12,09 kien appuntu biex tigi osservata dak li l-ligi stess timponi fl-artikolu 11 imsemmi *ut sic* u cioè l-principju li kazijiet ta’ rimozzjoni illecta ta’ minuri, f’dan il-kaz mill-attur, huma ta’ natura urgenti li ghandhom jitmexxew malajr. Dan sabiex jigi assigurat l-ghan ewlieni tal-Konvenzjoni tal-Ajja promulgata fil-ligi domestika permezz tal-**Kapitolu 410**, u cjoè, li jigi zgurat ir-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat fejn kienet tghix qabel ma giet illecitament rimossa, f’dan il-kaz l-Ingilterra, biex hemmhekk ikunu jistghu jitkomplew il-proceduri li hemm pendenti rigwardanti l-access u kura u kustodja tal-istess minuri;

“17. Illi ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti jeccepixxu li l-ilment tar-rikorrenti sempliciment jirrazenta l-fieragh. B’din l-azzjoni l-intimati qieghed jigu mmolestati b’pretenzjonijiet bla bazi guridika jew fattwali u ghaldaqstant t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorreni ghandhom jigu rigettati bhala manifestament infondati kif ukoll frivoli u sempliciment vessatorji;

“18. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Bl-ispejjez;

"Rat li l-kjamat in kawza Avukat Generali ghamel tieghu l-eccezzjonijiet maghmula mill-konvenuti l-ohra hlief ghall-ewwel eccezzjoni fejn il-partijiet qablu li ghal finijiet ta' din il-kawza l-legittimu kontradittur kien l-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 stante li l-Avviz Legali de quo ddahhal fis-sehh bl-approvazzjoni tal-President tar-Repubblika wara li l-Bord tar-Regoli ghamel l-istess regoli fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 29(1) tal-Kap. 12;

"Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi u sottomissjonijiet bil-miktub u bil-fomm li l-Qorti segwiet b'attenzjoni ghal mod dettaljat kif saru;

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-23 ta' Novembru 2011.

**"Ikkunsidrat**

"It-talba attrici hi immirata biex tannulla artikolu 9(9) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni liema artikolu ddahhal fl-Avviz Legali 279/2008. Ir-rikorrenti qed jallega illi dan l-artikolu hu ultra vires il-poteri tar-Rule Making Body ghax jezorbita l-poteri legislattivi moghtija bil-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta, u wkoll ghaliex hu f'konflitt ma' dispozizzjoni espressa tal-artikolu 226(1) tal-Kapitolu 12 u l-artikolu 6(3) tal-Kap. 410.
"Dak li ta lok ghal din il-kawza huma s-segwenti fatti.

"Ir-rikorrenti hassu aggravat b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza fl-ismijiet 'The Director of Social Welfare Standards Department vs Richard John Bridge' (197/2010NC) deciza fis-26 ta' Mejju 2011. Dawn il-proceduri gew istitwiti in forza tal-Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta cioe 'Child Abduction and Custody Act'.

"L-artikolu 6(3) tal-istess att jistipula illi appell minn decizjoni taht dan l-Att ghandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti avvala ruhu minn dak li jghid l-artikolu 226 tal-Kap. 12 cioe illi appell minn sentenzi tal-Qrati ghandhom isiru fi zmien ghoxrin jum mis-sentenza u fil-fatt interpona appell fil-hmistax-il jum wara s-sentenza. L-

appellat Director of Social Welfare Standards Department laqa' ghall-appell billi invoka n-nullita ghax sar fuori termine. In sostenn ta' dan, l-istess Direttur iccita mill-Avviz Legali 279/2008 li fl-artikolu 19(9) b'referenza ghat-terminu ta' appell minn sentenzi taht il-Kapitolu 410, jistipula illi t-terminu tal-appell hu ta' tmint ijiem ta' xoghol mid-data tas-sentenza.

"Ir-rikorrenti qed jitlob illi l-artikolu 19(9) tal-Avviz Legali 279/2008 jigi dikjarat null billi hu ultra vires il-poteri li johorgu mill-istess Kapitolu 410. Hu qed isostni li ladarba l-artikolu 6(3) tal-Kapitolu 410 ma jsemmi xejn dwar termini ta' appell, ghandu japplika dak li tghid il-ligi generali tal-procedura fil-Kapitolu 12 artikolu 226. L-intimati ma kellhom ebda poter moghti bil-ligi biex imorru oltre dak li tghid l-istess ligi u kontra l-ligi tal-procedura stess.

"Din il-Qorti tqis illi l-Qorti ghandha dejjem il-poter li tissindika jekk legislazzjoni sussidjarja hix ultra vires il-poteri moghtija bil-ligi principali. Dan jinsab assodat mill-gurisprudenza. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Carmelo Borg u Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali tal-Repubblika ghal kull interess li jista' jkollu** (PA 6/10/2005):

"Hawnhekk ghandu jigi enfasizzat li jekk Ministru, jew xi awtorita' ohra, jaghmel xi ligi sussidjarja u joltrepassa l-awtorita' moghtija lilu mill-ligi stess li a bazi taghha qed jillegisla sussidjarjament dik l-istess ligi sussidjarja hi nulla u bla effett. F'dawn il-kazijiet il-Qrati taghna ghandhom kull setgha li jissindikaw tali ligi u eventwalment jiddikjarawha bhala li hi "ultra vires" u ghalhekk nulla u bla effett."

"Pero fl-istess sentenza l-Qorti rreferit ghall-awtur **Alex Carroll (Constitutional and Administrative Law, 4th Ed pgs 155-156)** u qalet hekk:

*"[1] It would be wrong, however, to give the impression that the courts only allow to be done those things expressly provided for by statute, inexorably*

*holding all else to be ultra vires. Any such doctrine would result in public authorities being unduly hampered in the discharge of their general responsibilities. Accordingly, the courts have developed a doctrine under which they interpret statutes as authorising not only those things expressly provided for, but also acts 'reasonably incidental' to those expressly stated. The classic formulation of this principle remains that of Lord Selborne in A-G vs Great Eastern Rly Co: … the doctrine ought to be reasonably understood and applied, and … whatever may fairly be regarded as incidental to, or consequential upon, those things which the legislature has authorised, ought not (unless expressly prohibited) to be held, by judicial construction, to be ultra vires."*

"Stabbilit dan, jirizulta mill-ewwel harsa lejn il-legislazzjoni sussidjara 279/2008 illi din il-legislazzjoni saret bl-approvazzjoni tal-President tar-Repubblika tar-'Rule of Court' maghmula min 'Rule Making Board' kostitwit bl-artikolu 29 tal-Kapitolu 12.

"Ghalhekk qabel xejn wiehed irid jara jekk ir-'Rule Making Board' inghatax poteri taht il-Kapitolu 410. L-artikolu 12 tal-Kapitolu 410 ighid illi:

"12. Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taht l-artikolu 29 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jista' jipprovdi sabiex dak li jinsab f'din it-Taqsima jkun effettiv skond kif ikun jidhirlu li jkun mehtieg jew spedjenti."

"Ghal kompletezza dan l-artikolu jaqa' fil-parti tal-Att fejn wiehed isib l-artikolu 6(3).

"Ir-Rule Making Board kif kostitwit taht l-artikolu 29 tal-Kapitolu 12 irregola t-terminu tal-appell minn sentenzi moghtija taht l-artikolu 6 tal-Kapitolu 410 bl-avviz legali 279/2008. Dan il-Board skond l-artikolu 29 ghandu diversi poteri fosthom skond is-subinciz (f) tal-istess artikolu.

"(*f*) sabiex jipprovdu dwar atti gudizzjarji u hwejjeg ta' jew li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u

procedura li m’humiex imsemmija f’dan il-Kodici jew f’ligijiet ohra;”

“Bla dubbju l-artikolu 226 tal-Kapitolu 12 jipprovdi t-terminu ghal appelli minn sentenzi. Dan hu ’blanket provision’ sabiex fejn ma hux provdut mod iehor fl-istess Kapitolu jew f’ligijiet ohra li jirregolaw huma specifikament il-proceduri kontenuti fihom, hu applikabbli bhala l-ligi generali u l-procedura idonea ghal appell fejn ma jirrizultax mod iehor.

“B’daqshekk pero ma jfissirx illi ligi specjali bhala ma hi l-Kapitolu 410 u kif inhuma ligijiet specjali ohra ma ghandhomx jew ma jistax ikollhom proceduri u termini appoziti relatati biss ma’ dik il-ligi. L-unika kondizzjoni hi li tali ligi jew tipprovdi hi stess il-proceduri jew il-makkanizzmu biex tiddahhal il-procedura idonea, bhal fejn il-ligi stess taghti jedd lil Ministru responsabbli idahhal legislazzjoni sussidjarja biex tirregola l-materji specifici li jistghu johorgu mill-istess ligi jew fejn bhal dan il-kaz il-kompitu gie imholli f’idejn il-Rule Making Body. Kif inhu pacifiku in linea generali, id-dispozizzjonijiet ta’ ligi sussidjarja ghandhom dejjem jigu meqjusa fl-ambitu ta’ dak li tipprovdi l-ligi principali u huma soggetti ghal dik li tipprovdi l-ligi principali.

“L-artikolu 29(f) tal-Kapitolu 12 jaghti l-poteri lir-Rule Making Body li jaghmel provvedimenti li jaghtu effett lil dak kontenut fil-Parti I tal-Kapitolu 410 fejn jinsab id-dritt ta’ appell, liema provvedimenti ifissru wkoll termini li jistghu jkunu iqsar minn dak li jipprevedi b’mod generali l-Kapitolu 12. Kien ikun mod iehor kieku l-Kapitolu 410 ipprovda ghal terminu specifiku ta’ appell pero dan ma ghamlux, anzi hu sieket. Dan is-skiet issarraf b’zewg sitwazzjonijiet cioe l-applikabilita tal-artikolu 226 tal-Kapitolu 12 qua terminu ta’ appell sakemm il-ligi specjali ma taghtix poter li dan it-terminu generali jigi mibdul b’iehor specifiku, kif fil-fatt sar.

“Huwa principju stabbilit illi l-lex specialis tista’ tidderoga mir-regoli tal-lex generalis u f’certi kazijiet bhalma huma dawk kontemplati fil-Kapitolu 410 l-urgenza stess tal-

materja trattata zgur tippermetti li l-legislatur jew lil min gie delegat bil-kompitu jimponi termini iqsar minn dak li timponi l-ligi generali. Huma diversi l-ligijiet li jikkontemplaw termini iqsar minn dak previst fl-artikolu 226 tal-Kapitolu 12. Pero dan ma jaghmilx tali provvediment ultra vires jekk moghti ai termini u fl-ambitu tal-ligi principali permezz ta' legislazzjoni sussidjaraja li minn natura taghha hi wahda accessibbli ghall-pubbliku.

"Il-Qorti ma tarax kif ir-Rule Making Board seta' agixxa b'mod ultra vires meta hu agixxa entro l-artikolu 29 tal-Kapitolu 12 kif moghti l-poter bl-artikolu 12 tal-Kapitolu 410.

"Termini legali huma ta' ordni pubbliku u kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Limited** (12/02/2010) l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u Ligijiet Ohra Specjali** li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.

"Hu minnu li kien ikun ahjar ghal aktar accessibilita facli u konvenjenza in generali li t-terminu tal-appell gie rieintegrat fil-ligi principali jew almenu saret referenza specifika hdejn l-artikolu 6(3) ghal legislazzjoni sussidjarja. Pero kif qalet il-Qorti fis-sentenza **Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority** (12/12/2007) li incidentalment kien appell mill-Bord tal-Appelli dwar it-turismu b'terminu ta' appell specifiku in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke id-dekors inutli taghhom ma jkunux imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita` hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita`.

"Mhux il-kompitu tal-Qorti f'din l-istanza li tindaga fuq il-moralita tal-introduzzjoni tal-emenda u l-accessibilita

ragonevoli u konnessjoni facli bejn l-Avviz Legali 279/2008 u l-artikolu 6(3) li naqqas it-terminu ta’ appell ma’ dak generali kif provdut fil-Kap. 12, izda hi marbuta biss mal-legalita tal-Avviz Legali li gie promulgat kif inhu premess mill-ligi. Sa hawn biss tista’ tasal l-indagini ta’ din il-Qorti ghal dak mitlub li jigi deciz.

**“Decide**

“Ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija, filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju billi mhumiex il-legittimi kontraditturi, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Generali u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur li favur tieghu jibqghu impregudikati drittijiet ohra si et quatenus.”

**<u>Rikors tal-Appell ta’ Richard John Bridge</u>**

**3.** L-appellant hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti sabiex tirrevokaha u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u kjamati fil-kawza filwaqt li tilqa’ t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**4.** Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

i. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddikjarat li l-Artikolu 29 tal-Kap. 12 ta poter lill-Bord tar-Regoli li jipprovdi ghal terminu tal-appell iqsar mit-terminu provdut fl-Artikolu 226 tal-Kap. 12 u ghalhekk cahdet it-talbiet tal-attur illum appellant.

ii. Fit-tieni lok, u subordinatament, jilmenta li l-ewwel Qorti akkollat lilu l-ispejjez tal-kawza.

**<u>Risposta tal-appellati</u>**

**5.** L-appellati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u ghalhekk timmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

## Talbiet

**6.** L-appellant qed jitlob it-thassir tal-Artikolu 19(9) l-Avviz Legali 279/2008 billi qed jallega illi:

(i) dan l-artikolu hu *ultra vires* il-poteri tar-*Rule Making Body* ghax jezorbita l-poteri legislattivi moghtija bil-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll

(ii) ghaliex hu in konflitt mal-Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 12 u l-artikolu 6(3) tal-Kap. 410.

## Fatti mertu tal-kawza

**7.** Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom. Tippuntwalizza biss li dak li gara kien li l-attur appella minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja taht il-Kap. 410 hmistax-il jum wara s-sentenza meta t-terminu kien ta' tmint ijiem u ghalhekk l-appell gie dikjarat fuori termine ai fini tal-Artikolu 19(9) L.N. 279/2008.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**8.** **Fl-ewwel aggravju** l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddikjarat li l-Artikolu 29 tal-Kap. 12 ta poter lill-Bord tar-Regoli li jipprovdi ghal terminu tal-appell iqsar mit-terminu provdut fl-Artikolu 226 tal-Kap. 12.

**9.** L-appellant isostni li ghalkemm l-Artikolu 6(3) tal-Kap. 410 jipprovdi ghal appell, fl-istess hin ma jsemmix terminu ta' appell[1], ghalhekk skontu ghandha tapplika l-ligi generali cioe` l-Kap. 12 li fl-Artikolu 226 jiddisponi li appell irid isir fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza.

---

[1] L-Artikolu 6(3) jghid biss li: "Kull min ikun parti fil-procedimenti jkollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell".

**10.** L-appellant jghid li d-delega li saret fl-Artikolu 29 tal-Kap. 12 lil *Rule Making Body* ma kinitx wahda bla limiti imma stabbilit, fis-subincizi (a) sa (h) tal-Artikolu 29(2) sa fejn kellha tasal dik id-delega. Hu jkompli li f’dawn il-paragrafi l-legislatur eskluda kull ma kien diga` indirizza f’atti tal-parlament, inkluz il-Kodici ta’ Procedura u allura ma ddelega ebda awtorita` fir-rigward, la lil Ministru u lanqas lil Bord.

**11.** L-appellant isostni inoltre li r-regola 19(9) L.N. 279/08 maghmula mir-*Rule Making Body* hija in konflit ma’ dak li tipprovdi l-ligi principali cioe` l-Artikolu 266(1) fejn it-terminu tal-appell huwa ta’ ghoxrin gurnata.

**12.** L-appellati min-naha l-ohra jikkontendu li d-disposizzjonijiet provduti permezz tar-regolament 19(9) tal-A.L. 279/08 “huma permissibli, ma humiex irragjonevoli, ma jikkozzawx ma’ xi principji ta’ gustizzja naturali u li jinkwadraw fl-iskop tal-ligi principali”, cioe` l-Artikolu 29 tal-Kap. 12 u ghalhekk m’humiex ultra vires.

**13.** Inoltre jishqu li r-regolament li qed jigi kkontestat ma jikkonfliggiex ma’ l-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 billi huwa principju stabilit illi l-lex specialis tista’ tidderoga mir-regoli tal-lex generalis u fil-kaz tal-Kap. 410 l-urgenza stess tal-materja trattata kienet tippermetti li l-legislatur jew lil min iddelega l-kompitu li jimponi termini iqsar minn dak li timponi l-ligi generali.

**14.** L-appellant ma jaqbilx mal-ewwel Qorti fejn qalet fis-sentenza taghha li f’dan il-kaz *lex specialis derogat generalis*[2], (i) ghaliex din hi regola amministrattiva li qed tittanta tibdel ligi superjuri, cioe` att tal-parlament u (ii) ghax hi inkonflitt mal-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 .

**15.** L-appellant lanqas ma jaqbel ma’ l-argument tal-appellati li f’kazijiet ta’ urgenza jista’ jigi stabbilit terminu iqsar minn ghoxrin gurnata billi jsostni li ma kien hemm xejn x’izomm lil parlament milli jillegisla terminu iqsar

[2] Ara pagna 11 tas-sentenza appellata.

ghall-appell fil-Kap. 410 stess meta pprovda ghall-possibilita` ta’ appell. Dan ma ghamlux u lanqas ddelega xi awtorita` legislattiva biex dan ikun jista’ jsehh.

**16.** Hu risaput li regolament li ma jkunx sar skont is-setgha moghtija mil-ligi principali jkun ultra vires. F’dan il-kaz il-ligi sussidjarja li qed tigi kontestata dahlet fis-sehh b’approvazzjoni tal-Bord tar-Regoli, Bord li l-Parlament iddelegah bil-poter li jaghmel regoli, ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 12. Ir-regola giet maghmula bis-sahha ta’ dan l-artikolu u giet approvata mill-President ta’ Malta u bdiet isehh minn meta giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, skont specifikat (ara Artikolu 29(4) tal-Kap. 12).

**17.** Illi l-Art. 6(1) tal-Kap. 410 jaghti gurisdizzjoni lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tittratta applikazzjonijiet taht il-Konvenzjoni ta’ L’Aja.

**18.** L-Artikolu 6(3) l-Att jaghti lil kull min ikun parti fil-procedimenti dritt ta’ appell quddiem il-Qorti tal-Appell. F’dan l-artikolu pero` ma ssirx referenza ghal xi terminu ta’ appell izda l-Artikolu 12 tal-l-istess Kap, jghid li *“l-Bord tar-Regoli mwaqqaf taht l-Artikolu 29 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jista’ jipprovdi sabiex dak li jinsab f’din it-Taqsima jkun effettiv skond kif ikun jidhirlu li jkun mehtieg jew spedjenti*.*”*

**19.** Dan ir-*Rule Making Body* gie kostitwit bl-Artikolu 29(1) tal-Kap. 12 u partikolarment is-sub-artikolu *2(f) “jipprovdi dwar atti gudizzjarji u hwejjeg ta’ jew li ghandhom x’jaqsmu mal-prattika u procedura li m’humiex imsemmija f’dan il-Kodici jew f’ligijiet ohra.”*

**20.** Kien in vista ta’ dak il-provvediment fil-Kap. 410 u fl-Artikolu 29 tal-Kap. 12 li l-Bord tar-Regoli stabilixxa t-terminu tal-appell ta’ tmint ijiem minn sentenzi moghtija taht l-Artikolu 6 tal-Kap. 410 fis-subartikolu 19(9) tal-Avviz Legali 279/2008.

**21.** L-appellant ma jaqbilx li r-*Rule Making Body* ma kellhiex poter tibdel it-terminu ta’ ghoxrin gurnata stabilit

mill-ligi principali (Kap. 12) u li kien applikabbili f'dan il-kaz.

**22.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Kap. 401 huwa ligi specjali u l-Art. 12 ta lill-Bord kostitwit skont l-Art. 29 tal-Kap. 12 is-setgha li jipprovdi kif jidhirlu xieraq jew spedjenti ghal dak kollu li jaqa' taht l-ewwel taqsima tal-Kap. 410 u allura nkluz ghalhekk anke dwar id-dritt tal-appell li ma semmiex fl-Artikolu 6(3).

**23.** Illi permess tal-Artikolu 12 subinciz (2)(f) tal-Kap. 12 il-legislatur ipprovda li ghar-rigward ta' atti gudizzjarji u hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u procedura <u>li m'humiex imsemmija</u> f'dan il-Kodici jew **<u>f'ligijiet ohra</u>** r-*Rule Making Body* setgha jaghmel regolamenti. Il-Kap. 401 kien appuntu wiehed mil-ligijiet ohra li kien jehtieglu regola fil-procedura. Mhux eskluz li fil-ligi generali stess u sahansitra f'regolamenti sussidjarji jkun hemm terminu ta' appell differenti minn dak preskritt fl-Artikolu 226 tal-Kap. 12.

**24.** Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz ir-regoli inkluz it-terminu ta' appell ta' tmint ijiem huma *intra vires* mhux biss ghaliex il-Kap. 410 jaghmel riferenza ghall-Art. 29 tal-Kap. 12 izda wkoll ghaliex l-Art. 29(1) jaghti lill-Bord tar-Regoli bl-approvazzjoni tal-President ta' Malta li jaghmel regoli mhux biss ghall-ghanijiet imsemmija fl-Art. 29(2) izda anke ghall-fini ta' xi disposizzjoni ohra fil-Kap. 12 jew ta' xi ligi ohra inkluz il-Kap. 410.

**25.** Huwa minnu li kien ikun ahjar li kieku l-Artikolu 6(3) iffissa fl-istess Kap. 401 zmien ta' appell. Ghalkemm ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* li tghid kemm kellu jkun twil t-terminu ghall-appell izda fl-istess waqt kien hemm ir-riferenza specifika fl-Art. 12 ghar-regoli li seta jaghmel *Rule Making Body* li kien jindika li kellha ssir referenza ghal-unici *Rules of Court* u cioe` l-A.L. 279 tal-2008 li hareg il-Bord tar-Regoli bl-approvazzjoni tal-President ta` Malta. Il-Kap. 410 huwa ligi specjali li r-*raison d'etre* taghha hija l-heffa tat-trattazzjoni u d-decizjoni ta' kawza u ghalhekk wiehed ma setax jassumi li d-dritt tal-Appell kellu jkun dak solitu applikabbili ghall-kawzi in generali taht il-Kap. 12. Ghalhekk il-Qorti ma ssib li hemm xejn

konfliggenti bejn dak li pprovda l-Artikolu 19(9) tal-A.L. 279/08 u dak li jipprovdi l-Kap. 12.

**26.** **<u>Fit-tieni aggravju tieghu</u>** l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti akkollat lilu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri. Jghid li kull ma qed jitlob huwa li jinghata smigh quddiem il-Qorti tal-Appell liema opportunita` giet michuda lilu bir-regola li huwa qed jikkontesta. Inoltre jissottometti li tenut kont tan-novita` u tac-cirkostanzi tal-kaz hu m'ghandux jerfa l-piz tal-ispejjez tal-kawza.

**27.** L-appellati wiegbu li dan l-aggravju mhux sostenibbli billi l-kwistjoni mqanqla mill-appellant m'hijiex *novitur deductus* inkwantu l-gurisprudenza kienet diga` wriet it-triq ghal dik li hi l-interpretazzjoni awtentika fuq dan il-punt. Inoltre l-appell sar unikament biex l-appellant jakkwista aktar zmien biex ikompli jzomm il-minuri illegalment Malta u johloq sitwazzjoni iktar difficli ghal minuri sabiex din tigi ritornata fil-*habitual residence* taghha.

**28.** Il-Qorti, in vista tal-fatt li l-ewwel aggravju tal-appellant ma giex milqugh, il-fatt li ma kien hemm xejn partikolarment gdid li gie deciz minn din il-Qorti, u li kien in-nuqqas tal-appellant li wassal ghal dan l-episodju, l-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**29.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Geoffrey Valenzia | Giannino Caruana Demajo | Joseph Zammit Mckeon |
| Agent President | Imhallef | Imhallef |

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------